MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 698/2004

**Computime Limited**

**Vs**

**Malta Racing Club**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors li gie pprezentat mis-socjeta' rikorrenti nhar is-17 ta' Dicembru 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' elfejn sitt mija w hamsin lira Maltin (LM2,650) rapprezentanti din is-somma ammont dovut fuq programm ta' software ordnat mis-socjeta' ntimata w miktub mis-socjeta' rikorrenti, depozitat taht l-awtorita' ta' din il-Qorti permezz ta' cedola ta' depositu numru 2179/04, stante li s-socjeta' intimata qatt ma kkorroborat mas-socjeta' rikorrenti ghall-installazzjoni ta' l-istess, nonostante diversi attentati da parti tas-socjeta' rikorrenti sabiex dan is-software jigi effettivament installat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u bl-interessi sa mid-data ta’ meta l-ammont sar dovut kontra s-socjeta’ intimata li sa minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ ntimata fejn eccepiet is-segwenti:-

*Illi qabel xejn il-kumpanija rikorrenti kellha taghmel il-konsenja tal-programm soft ware, liema konsenja qatt ma saret – kull ma sar huwa testing inizjali fuq is-sistema tal-intimati mil-liema testing irrizulta li l-prodott mhux idonenju w difettuz.*

*Illi minn dak li rrizulta lill-konvenuti waqt it-testing inizjali, l-programm in kwistjoni ta’ software li kellu jsir mis-socjeta’ rikorrenti ma kienx maghmul skond dak li kien jistipula l-kuntratt bejn il-partijiet, fejn fost ohrajn l-imsemmi programm kellu johrog ricevuti, jkun jiflah jahdem ghal sistema multi user, ikun b’sistema li tipprovdi ghal back up systems, u jkun mghammar b’accounting system.*

*Illi l-intimati hallsu lill-kumpanija rikorrenti depositu ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) akkont tal-prezz, waqt li kienu qeghdin isiru t-testijiet ghall-imsemmi software, minghajr ma qatt inghataw il-prodott.*

*Illi l-prodott li pprepara r-rikorrenti biex jikkonsenja lill-intimat ma kienx tal-kwalita’ mwieghda w ghalhekk huma ntitolati bil-Ligi li jirrifjutaw il-prodott difettuz.*

Rat il-kontro talba tas-socjeta’ ntimata fejn talbet li s-socjeta’ rikorrenti thallas l-ammont ta’ tmien mitt lira Maltin akkont tal-prezz ghal prodott li mhux idoneju, li hu difettuz, li mhux tal-kwalita’ mwieghda, w li qatt ma nghataw, u ghaldaqstant talbu li din il-Qorti tordna r-rifuzjoni mhallsa.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ rikonvenuta Computime Limited fejn esponiet is-segwenti:-

*1. Illi s-socjeta rikonvenuta tichad kategorikament l-allegazzjonijiet infondati ta' l-ghaqda intimata Malta Racing Club ('MRC') illi l-prodott in kwistjoni mhux idoneju, huwa difettuz u ma kienx ta' kwalita mwieghda.*
*2. Illi l-kontro talba tal-MRC hija konfliggenti w kontradittorja stante illi filwaqt illi l-istess MRC jilmentaw illi l-prodott in kwisjtoni ma nghatax lilhom, sussegwentement jargumentaw illi l-prodott mhux skond il-ftehim pattwit u mhux tal-kwalita' mwieghda.*
*3. Illi s-socjeta' rikonvenuta qdiet l-obbligi kollha li hija kellha skond il-ftehim pattwit, izda l-hlas ghall-istess baqa' ma sarx.*
*4. Illi s-software in kwistjoni kien fil-fatt johrog l-ircevuti, jiflah jahdem ghal sistema ta' multi user u jista' wkoll jipprovdi back up system jekk is-sistema tigi mhaddma ghal dan il-ghan minn individwi.*
*5. Illi l-MRC qatt ma talbet lis-socjeta' rikonvenuta tipprovdilha sistema li tkun mghammra b'accounting system u fil-fatt il-hlas mitlub u miftiehem jindika illi l-s-sistema ordnata qatt ma kellha tkun hekk mghammra.*
*6. Illi s-socjeta' rikonvenuta avvicinat bosta drabi lill-MRC sabiex isir il-user acceptance testing tas-software in kwistjoni, izda dan kien kollu ghal xejn.*
*7. Illi l-MRC kellha thallas imedjatament LM500 mal-iffirmar tal-ftehim u dan mhux qed jigi kontestat illi sar, izda l-MRC kellha thallas in oltre LM800 ma l-ewwel fazi ta l-installazzjoni, LM1,200 mat-tieni fazi, w l-ahhar Lm500 on final user acceptance.*
*8. Illi l-LM800 kkontestati fil-kontro talba (li saru f'zewg pagamenti, wiehed ta' Lm500 u l-iehor ta' LM300, oltre li tal-ahhar wara intimazzjoni ghal hlas permezz ta' ittra ufficcjali) huma ben dovuti lis-socjeta' rikonvenuta, kif ukoll huwa l-bqija ta' l-ammont mitlub, stante illi s-socjeta' rikonvenuta holqot u installat is-software specifikat sabiex jakkomoda t-talbiet specifici ta' l-MRC, liema software ghadu sal-gurnata ta' llum ma thallasx.*
*9. Illi fid-dawl tal-fatti fuq esposti l-kontro talba tas-socjeta' MRC ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess MRC.*

Semghet lil **Ivan Cini** prodott mis-socjeta' rikorrenti jixhed nhar il-15 ta' Gunju 2005. Spjega illi huwa jokkupa l-

kariga ta' Segretarju tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta' rikorrenti, kif ukoll huwa l-Financial Controller ta' l-istess socjeta'. Spjega illi f'Ottubru 1999 kienu bdew negozjati bejn il-kontendenti sabiex huma jipprovdu sistema kompjuterizzata ghat-tlielaq taz-zwiemel. Dawn in-negozjati gew finalizzati permezz ta' korrispondenza, permezz ta' liema l-ghaqda intimata tathom ordni biex huma jinstallaw sistema ta' *software*. Jispjega li f'din l-ordni kien hemm inkluz illi jinkiteb is-*software* tal-programmi necesssarji.

Huwa esebixxa kopja ta' e-mail datata 18 ta' Novembru 1999 li kien kiteb is-sur Paul Midolo, li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Chairman tal-ghaqda intimata, fejn huwa kien ikkonferma l-e-mail li kien ircieva minghand is-socjeta' rikorrenti wkoll datata 18 ta' Novembru 1999. Dawn l-e-mails gew markati bhala Dok IC1. Qal li b'ittra taghhom tal-4 ta' Jannar 2000 huma kienu kkonfermaw l-ordni li kienet ghamlet l-ghaqda ntimata, w talbu pagament akkont ta' Lm500 bhala l-ewwel pagament. Jghid li fil-fatt l-ghaqda intimata kienet ghamlet l-ewwel pagament taghha fl-ammont ta' LM500 qabel ma gie iffirmat l-i*standard agreement*. Din l-ittra giet markata bhala Dok IC2.

Huwa esebixxa dokument iehor li gie markat bhala Dok IC 3, li huwa l-ftehim li kien hemm bejn il-kontendenti w fuq dan il-ftehim hemm ukoll il-firma tas-Sur Midolo. Flimkien ma' dan id-dokument huma baghtu l-i*specifications,* illi effettivament ikunu rendikont ta' dak kollu li kienu ftehmu dwaru. Jghid li dawn id-dokumenti huma kollha inizjalati minn rapprezentanti tal-kontendenti. Dan id-dokument gie markat bhala Dok IC4.

Jispjega li din is-sistema giet konsenjata u nstallata ghand l-ghaqda intimata fi Frar 2002. Qal li wara xi zmien pero' l-ghaqda ntimata kienet caqilqet il-kompjuters kollha w ghalhekk kellhom jergghu jinstallaw kollox mill-gdid, u wara xi zmien kien hemm *crash* fil-*hard disk* u ghalhekk kellhom jinstallaw is-sistema ghat-tielet darba.

Jghid li s-socjeta' rikorrenti ndunat ukoll li l-ghaqda ntimata ma kellhiex *back up system* u ghalhekk meta il-*hard ware* ikkraxxja kien intilef id-*data* kollu. L-istallazzjoni ghat-tielet darba bdiet f'Ottubru 2002, izda sa Settembru 2003 l-ghaqda intimata ma kinitx ghadha ghamlet pagament iehor. Huwa ghalhekk beda jipprova jigbor il-flus dovuti lis-socjeta' rikorrenti, w esebixxa zewg dokumenti li gew markati bhala Dok IC 5 u IC 6, li huma ittri li huwa kien baghat lill-ghaqda intimata. Huwa esebixxa wkoll l-*invoices* u l-i*statements* li huma kienu jibaghtu lill-ghaqda ntimata kull xahar. Dawn gew markati bhala Dok IC7. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-ircevuta li kienu baghtu dwar l-ewwel pagament li sar ghas-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), din l-ircevuta giet markata bhala Dok IC8. Esebixxa ittra fejn is-socjeta' rikorrenti kienet qed titlob il-hlas relattiv, liema ittra tinsab esebita a fol. 20 tal-process u li giet segwita permezz ta' ittra ufficcjali li wkoll tinsab esebita a fol. 18 tal-process.

Jispjega li wara li l-ghaqda ntimata irceviet din l-ittra l-kontendenti kienu ltaqghu u nnotaw li l-ghaqda ntimata kienet tilfet ghal darb' ohra s-sistema, w deher li ma kellhomx aktar interess li jergghu jinstallaw l-istess programm. Ftehmu pero' li huma kellhom jergghu jinstallaw dan is-*software* u dakinhar l-ghaqda ntimata tathom is-somma ta' Lm300 akkont, izda peress illi qatt ma nghataw appuntament biex imorru jinstallaw is-*software*, huma baqghu ma nstallaw xejn. Fl-24 ta' Frar 2004 huwa baghat e-mail lil Josef Grixti, li kien il-punt ta' riferiment tieghu f'isem l-ghaqda ntimata, u dan Grixti irrispondih permezz ta' e-mail datat 16 ta' Marzu 2004. Jghid li ma jirrizultax mill-e-mail li kien baghat Grixti li s-*software* li giet installata fil-fatt ma kinitx tajba, jew li kien fiha xi difett. Billi ma rcevew l-ebda reazzjoni ulterjuri minghand l-ghaqda ntimata, huma iddepositaw is-*software* fil-Qorti.

**Ivan Cini** xehed in kontro ezami nhar is-27 ta' Ottubru 2005 u kkonferma li huwa beda l-impjieg tieghu mas-socjeta' rikorrenti fit-2 ta' Ottubru 2003, u ghalhekk ma kienx involut fin-negozjati inizjali li kienu ghaddejjin bejn il-kontendenti. Jghid li fil-fatt lanqas mil-lat tekniku ma hu

intiz. Xogholu hu ta’ Financial Controller. Qal li l-*agreement* finali bejn il-kontendenti huwa dak tal-4 ta’ Jannar 2000 fejn anke hemm l-i*specifications* fid-dettal. Qal li huwa kien responsabbli sabiex jigbor il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ rikorrenti w jghid li hadd qatt ma nfurmah li s-sistema li giet installata ma kinitx tajba jew kienet difettuza. Jghid li l-fatt li ma kienx hemm sistema ta’ *back up* hija nuqqas tal-ghaqda ntimata u mhux tas-socjeta’ rikorrenti. Jghid li mir-records tas-socjeta’ jirrizulta li huma nstallaw is-sistema ordnata fi tliet okazzjonijiet pero’ ma kienx f’posizzjoni jghid fejn spicca s-*software*.

Rat id-digiret ta’ din il-Qorti diversament preseduta datat 24 ta’ Marzu 2006, fejn il-Qorti hasset li tehtieg in-nomina ta’ espert tekniku, w ghal dan il-ghan innominat lil Julian Sant Fournier a spejjez provisorjament ghall-ghaqda ntimata.

Illi nhar is-27 ta’ Ottubru 2006 dehru l-kontendenti quddiem il-Qorti w ftiehmu li l-ispejjez tal-perizja jithallsu nofs bin-nofs bejniethom, u wara li sar il-hlas relattiv l-espert tekniku pprezenta r-relazzjoni tieghu dakinhar stess. Illi skond din ir-relazzjoni l-espert ikkonkluda li s-sistema tal-*accounting* ma kinitx parti mill-kuntratt originali bejn il-partijiet, waqt li s-sistema tal-*back up* u tar-*receipt printing* kien ghad baqghalha tigi konsenjata u s-sistema tal-*multi user* hija *software* li kienet *compliant* mal-kuntratt.

**Robert Fabri** kkonferma li huwa dahal jahdem bhala IT Consultant mas-socjeta’ rikorrenti f’Settembru 1999 u jokkupa l-kariga wkoll ta’ konsulent fuq *business applications*. Jghid li ftit xhur wara li beda jahdem mas-socjeta’ rikorrenti, din kellha talba sabiex tinstalla sistema kompjuterizzata ghall-ghaqda intimata – kien programm li kelllu jkun disinjat biex jiehu hsieb it-tigrijiet – huwa programm li l-club stess ikun jista’ jaghmel minn gimgha ghal gimgha. Jghid li kien iltaqa’ mas-Sur Midolo u mas-Sur Saliba mill-ghaqda ntimata u dawn spjegawlu x’riedu ezattament. Huwa ghalhekk kien izomm kuntatt ma’ dan is-Sur Saliba sabiex jipprovdu dak li kellhom bzonn. Jghid li s-sistema kellha zewg partijiet. F’parti wahda tinzamm

id-*data* w l-informazzjoni, w cioe' fuq is-sidien taz-zwiemel, fuq iz-zwiemel u fuq il-*jockeys,* u l-parti l-ohra hija procedura kif issir il-kitba, t-tigrijiet u l-programm tal-*meetings*.

Ikkonferma li wara certu zmien kienu lestew l-ewwel parti w kienu tawha lill-ghaqda intimata sabiex jipprovaw jigbru l-informazzjoni rikjesta. Huma bdew jiktbu t-tieni parti. Jghid li mbaghad kienu tilfu kuntatt mas-Sur Saliba, kienu jiktbulu izda kienu jibqghu bla risposta.

Jghid li huwa kien mar fil-*club* personalment sabiex jara x' sistema kellha bzonn l-ghaqda intimata. Imbaghad kien mar f'okkazzjoni ohra w kien installa is-sistema, hallielhom *user manual* sabiex ikunu jafu kif kellhom juzaw is-sistema. Qal li ftit wara kienu gew infurmati li kien hemm xi problemi fis-sistema u kien baghat kollega tieghu sabiex isolvilhom din il-problema u irnexxielu.

Qal li l-ghaqda intimata qed tghid li hemm erba' problemi, fosthom li s-sistema tal-*multi user* mhix tajba, pero' huwa ma kienx konxju ta' din il-problema ghaliex sa fejn kien infurmat hu siehbu kien solva din il-problema. Dwar il-problema li qalu li kien hemm dwar l-*accounting system* jghid li huma qatt ma kellhom il-hsieb li effettivament jaghmlulhom *accounting system,* ghaliex ma kinitx parti mill-kuntratt. Qal ukoll li l-ghaqda ntimata qaltilhom li kien hemm problema dwar il-*cash book* taghha, izda jghid li s-sistema kellha tkun wahda ta' *management tal-meetings* u mhux sistema finanzjajra. Dwar is-sistema tal-*back up* jghid li vera ma kinitx installata, pero' jghid li din kellha tkun installata. Qal li jaf li kien hemm problema dwar il-hrug ta' ricevuti, pero' din ma kinitx sitwazzjoni kritika. Jghid li kienu qed jistennew minghand l-ghaqda ntimata li tghidilhom x'sistema riedu dwar il-hrug ta' ricevuti.

Jikkonferma li huma kienu originarjament ghamlu sistema li holqu huma stess. Xtaq li l-ewwel jaghmlu *inputting* tad-*data* u wara jaghtuhom il-programmi li xtaqu. Jghid li huma baghtu diversi e-mails lill-ghaqda ntimata izda baqghu bla risposta – jghid li ko-operazzjoni min-naha taghhom ma kienx hemm. Jghid li ghamlulhom diversi

rikjesti sabiex ikun hemm xi tibdil fil-kuntratt, pero' x'sar ezatt ma jafx.

Nhar is-17 t'April 2008 ikkonferma li sabiex is-sistema tigi kompluta kien hemm bzonn li l-ewwel parti tigi kompluta qabel ma setghu jkomplu bl-installazzjoni tat-tieni parti. Stqarr li l-kuntatt tieghu kien tramite Pio Saliba. Qal li jiftakar li kien iltaqa' mas-Sur Saliba sabiex jispjegalu kif tahdem l-ewwel parti tas-sistema w fil-fatt kien iltaqa' mieghu flimkien ma' nies ohra tal-ghaqda, fosthom certu Josef. Ikkonferma li fi Frar 2002 is-sistema kienet lesta – stqarr li l-kwistjoni tal-*multi user* solviet ruhha, ghalkemm ma kienx hu li solviha. Qal li din is-sistema hadmet ukoll quddiem l-espert nominat mill-Qorti, ghalkemm kellha bzonn xi *fine tuning*. Jghid li minhabba n-nuqqas ta' kollaborazzjoni li kien hemm, inqalghu ta' *teething* u dan ghaliex minghajr *feedback* minghand l-ghaqda ntimata ma setax ikun hemm *testing* kif suppost. Qal li vera kien hemm xi affarijiet ancillari li ma kinux ghadhom saru.

Dwar il-kwistjoni tal-hrug tar-ricevuta jghid li l-klijent ma tahomx l-informazzjoni li xtaq fuq din l-ircevuta u kien ghalhekk li din il-kwisjtoni ma gietx konkluza. Jghid li din kienet kwsitjoni ta' siegha kollox. Huwa esebixxa kopja ta' e-mail datata 14 ta' Frar 2002 markata bhala Dok Z a fol. 88 tal-process, li fiha hemm indikat li xtaq li l-ghaqda ntimata kellha taghmel uzu mis-sistema li giet installata sabiex wara jkunu jistghu ikomplu bl-installazzjoni tad-*data* .

Semghet lil **Louis Bellizzi** jixhed fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' rikorrenti. Ikkonferma li fiz-zmien in kwisjtoni huwa kien responsabbli ghas-*soft ware development* tal-kumpanija, w kien hu li ghamel il-kuntratt mal-ghaqda ntimata w li kien involut fin-negozjati tal-kuntratt relattiv. Muri id-dokument esebit a fol. 25 tal-atti jghid li dan kien is-*system specification*. Ikkonferma li d-dokument IC 9 a fol. 29 huwa ffirmat minnu.

Qal li huma kellhom jintroducu sistema dwar it-tigirijiet taz-zwiemel, programm dwar il-*meetings* li jzommu, dwar informazzjoni li jkollhom fuq iz-zwiemel u l-*jockeys*. In

sintezi qal li dak li kellhom jaghmlu huwa ben deskritt a fol. 5 tar-relazzjoni tal-espert nominat mill-Qorti.

Ikkonferma li huma kienu ddisinjaw programm u b'dak id-disinn l-intimati setghu jibdew jittestjawh. Sadanitant pero' l-persuna responsabbli min-naha tal-intimati, certu Pio Saliba, ma kienx ghadu mpjegat mal-ghaqda intimata. Jghid li huma zammew il-kuntatt ma' dan Saliba, w ghalhekk meta dan spicca mill-impjieg tieghu, donnha ntilfet l-*ownership* tal-programm. Qal li z-zmien beda ghaddej u ma kellhomx rispons mill-intimati, w peress li t-teknologija tinbidel u l-bzonnijiet tal-klijenti wkoll jinbidlu ddecidew li johorgu *invoice* ta' dak li kienu effettivament ghamlu sa dak il-hin. Ikkonferma pero' li l-ammont mitlub kien ghadu dovut.

Jghid li l-prova sussegwentement saret mill-espert nominat mill-Qorti, u cioe' b'mod dokumentat u strutturat. Jghid li l-bicca l-kbira tas-sistema kienet diga' imputtjata u kienet qed tahdem, kif sahansitra jidher minn fol. 14 tar-relazzjoni li tghid il-kliem '*available and working'*. Dwar ir-rapporti jghid li whud kienu lesti pero' kellhom bzonn xi *adjustments* u ohjrajn ma kinux lesti. Jghid pero' li dawk li ma kinux lesti ma kinux programmi w kien ghad fadal biss xi saghtejn xoghol, anzi jelabora w jghid saghtejn ghal kull bicca xoghol. Jikkonferma wkoll li pero' dan ix-xoghol ma sarx ghaliex ma kienx hemm ko-operazzjoni mill-klijent intimat u ghalhekk kellhom jieqfu.

Jispjega li l-ghaqda ntimata qalet li kien hemm erba' nuqqasijiet, ghalkemm skond ir-relazzjoni tal-espert wahda minnhomu, cioe' dik tal-*accounting* jirrizulta li ma kinitx parti mill-kuntratt, u dwar il-fatt li s-sistema ma tohrogx ricevuti, dik kienet veru izda huma kienu ghadhom qed jistennew l-i*specifications* ta' dak li kellu jidher fuq l-ircevuta sabiex jaghmlu dan. Jghid li waqt in-negozjati li zammew, hadd qatt ma qalilhom li ma kinux kuntenti bis-sistema. Ikkonferma li s-sistema tal-*multi user* kienet gja giet installata kif, ikkonferma l-perit tekniku.

In kontro-ezami jghid li verament meta gie installat il-programm il-kompjuter ikkraxxja, pero' jghid li dan sar

mhux minhabba l-installazzjoni, izda peress illi l-kompjuter li fuqu gie nstallat il-programm kien difettuz. Qal li l-*crash* fil-kompjuter ikkawza *corruption* fis-sistema w fis-*software* u ghalhekk naturalment xejn ma seta' jahdem. Jghid li huma ma gewx mgharrfa b'dan mill-ewwel, izda meta saru jafu huma nstallaw il-programm f'kompjuter iehor u s-sistema hadmet.

Spjega li dak iz-zmien l-ghaqda intimat kienet tahdem b'hafna *part timers* u ma kellhiex infrastruttura li kienet responsabbli ghall-IT, u kien ghalhekk li kienu jsaqsuhom hafna domandi li kienu jikkoncernaw l-amministrazzjoni ta' l-IT, u mhux in konnessjoni mas-sistema partikolari.

Misotqsi x'kien hemm bil-kompjuter li kkraxja jghid li ma jafx. Jghid li l-konmpjuter ma kienx tieghu u la hu w lanqas l-impjegati tas-socjeta' rikorrenti ma kienu prezenti meta dan sehh. Jaf pero' li kien hemm hsara fis-*software* bhala rizultat ta' dan. Dan nonostante xorta baghat lil xi hadd sabiex isewwi dak li kien hemm. Dwar dak li huwa deskritt mill-espert tekniku bhala programme R1 jghid li veru dawn huma programmi li ma jezistux, pero' dan hu hekk ghaliex il-klijenti qatt ma ghaddewlhom l-i*specifications* ta' dak li riedu.

In kontro ezami nhar is-17 ta' April 2008 ghal darb' ohra jikkonferma li ma sabux ko-operazzjoni mill-intimati meta kienu qed jinstallaw is-sistema. Ikkonferma li in realta' mhux hu kien qed jitkellem ma' Pio Saliba mill-ghaqda ntimata, izda l-impjegati tieghu. Qal li meta Pio Saliba ma baqax involut fil-*club* kellhom porblema ghaliex sab li ma kienx hemm *continuity*, ma kienx hemm ma' min setghu ikomplu jinnegozjaw.

Qal li minhabba dan id-dewmien il-bzonnijiet tal-klijent jinbidlu. Ikkonferma li l-klijent kien ghamel xi pagament. Qal li pero' kien ghad fadal xi affarijiet minimi li jsiru w li ghalhekk kien ghad fadal bilanc x'jithallas. Ikkonferma pero' li meta hargu l-*invoice* is-sistema ma kinitx ghadha giet implimentata, ghalkemm ix-xoghol kienu ghamluh. Din ma gietx installata minhabba nuqqas da parti tal-klijent li ma kienx qed jonora l-obbligi tieghu. Huwa jaqbel

mal-kontenut tar-rapport tal-perit tekniku. Jghid li hu pero' ma jafx jekk is-sistema kellhiex ikollha hrug ta' ricevuti, ghalkemm ikkonferma li s-sistema fil-fatt ma tatx dan is-servizz.

**Josef Grixti** xehed fil-11 ta' Marzu 2009 u qal li huwa kien jokkupa l-kariga ta' *accounts clerk* mal-ghaqda ntimata fis-sena 2002. Jghid li huwa kien gie mitlub sabiex jivverifika s-sistema li lestew is-socjeta' rikorrenti w li kellha tigi nstallata. Qal li huwa kien iltaqa' ma' xi dirigenti tas-socjeta' rikorrenti sabiex is-sistema tigi nstallata, w induna li kien hemm xi difetti, w ghalhekk is-socjeta' rikorrenti kellha taghmel xi arrangamenti. Jghid li s-sistema ma kinitx *multi user* ghalkemm huma rieduha hekk, u certu rapporti li kellhom bzonn ma kienux installati.

Jghid li effettivament is-socjeta' rikorrenti kienet baghtet lin-nies taghha li ghamlu xi tiswijiet, pero' jghid li kien ghad fadal xi nuqqasijiet. Jghid li waqt li bdew juzaw is-sistema minnufih marret il-*hard disk* tal-kompjuter, u peresss illi s-sistema ma kellhiex *back up* kienu tilfu d-*data* kollha.

Huma gharrfu lis-socjeta' rikorrenti li min-naha taghhom qalulhom li kienu ser jergghu jinstallaw kollox. Huwa flimkien ma' Pio Saliba marru fl-ufficcini tas-socjeta' rikorrenti w minnufih kien hemm *demonstration* ta' kif kellha tintuza s-sistema. Jghid li waqt li kienu fl-ufficcini kien dahal fl-ufficcju certu John Woods u talabhom pagament iehor. Huwa kellu jsaqsi lill-kunsill u kellu jtih risposta. Qal li huma kellhom id-*database* fuq *excel sheets* u ghalhekk tahom lill-impjegati tas-socjeta' rikorrenti sabiex jinstallawhom fis-sistema.

L-ghada ta' dan il-*meeting* ircieva e-mail minghand Ivan Cini fejn gie mgharraf li jekk riedu jkomplu bil-process huma kellhom ihallsu s-somma t'erba' mitt lira Maltin (Lm400) adizzjonali mal-ammont ta' tlett elef lira li kien imssemmi fil-kuntratt, u qalulu li jekk ma jhallsux is-somma ta' sitt mija u ghoxrin lira Maltin (Lm620) minnufih huma ma kinux ser ikomplu bl-ghajnuna. Huwa ghadda din l-e-mail lill-Financial Controller tal-ghaqda sabiex

jghaddiha lill-kunsill u l-Kunsill ma accettax din il-proposta. Is-sitwazzjoni waqfet hemm.

Jghid li huma ipprovaw sal-ahhar sabiex jirrangaw is-sistema w fil-fatt anke kienu ghamlu pagament iehor qabel il-*meeting* fuq imsemmi. Jghid li in effetti kienu diga' hallsu s-somma ta' tmien mitt lira Maltin (LM800).

In kontro-ezami nhar is-26 ta' Jannar 2010 jghid li qatt ma kien membru tal-Kunsill tal-ghaqda ntimata, kien biss jahdem fl-*accounts*. Jikkonferma li is-sistema kienet giet installata fi zmienu, meta huwa kien impjegat mal-ghaqda, w jaf li ghall-ewwel kien jiehu hsiebha certu Pio Saliba. Jghid li ghalkemm kien jippartecipa f'numru ta' laqghat li kien hemm dwar din il-kwisjtoni, *hand-over* minghand ta' qablu ma hax. Il-kuntratt bl-i*specifications* rikjesti qatt ma rah. Ikkonferma pero' li kien imputtja hafna *data* sabiex b'hekk is-sistema tigi ttestjata u wara jghaddu sabiex jaghmlu l-*user acceptance test*. Ikkonferma ukoll li waqt l-inputtjar tad-*data* il-kompjuter ikkraxja u kien minnu li s-socjeta' rikorrenti kienet offriet li taghmel l-inputtjar hi tad-*data* wara li gara dan l-incident. Pero' jghid li s-socjeta' rikorrenti riedet hlas ghal dan is-servizz, kif jirrizulta minn e-mail li giet mibghtua lilhom. Jghid ukoll li s-socjeta' rikorrenti riedet ukoll li huma jiffirmaw kambjali ghall-bilanc dovut, pero' l-kunsill ma riedx u ghalhekk hlas iehor ma sarx.

**Carmelo Scicluna** xehed fil-kapacita' tieghu ta' Financial Controller tal-ghaqda ntimata u dan fis-6 ta' Mejju 2009. Jghid li meta huwa beda l-impjieg tieghu fis-sena 2000 diga' kien hemm kuntratt ezistenti bejn il-kontendneti, u cioe' sabiex tigi nstallata sistema kompjuterizzata dwar it-tigrijiet taz-zwiemel.

Jghid li sar jaf li fis-sena 1999 kienet thallset is-somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500) bhala depozitu skond il-kuntratt, u dan bhala akkont mit-tlett elef lira Maltin (LM3000) li kienu dovuti. Jghid li l-ftehim bejn il-kontendenti gie formalizzat f'Jannar 2000 permezz ta' kuntratt u li kien hemm ittra fejn gie ndikat li sal-ahhar ta' Jannar 2000 is-*software* kollu kellu jigi installat. Jghid li

pero’ dan nonostante qabel is-sena 2002 ma kienu ghadhom semghu xejn minghand is-socjeta’ rikorrenti.

Fis-sena 2002 qalulhom li is-*software* kien lest u li kienu marru sabiex jinstallawh u minnufih indunaw li kien hemm diversi nuqqasijiet u s-socjeta’ rikorrenti accettat li tmur tirranga dawn l-istess nuqqasijiet. Jghid li xi xhur wara qalulhom li lestew il-programm u li kien hemm bzonn li jergghu jinstallawh mill-gdid. Dan nonostante jikkonferma li ghal darb’ ohra kien hemm nuqqasijiet u li l-programm ma kienx qed jahdem tajjeb. Sa dak il-hin jghid li s-sistema ma kinitx *multi user* u ma kellhiex *back up* kif ukoll li kien hemm diversi rapporti ma jahdmux. Huma talbuhom sabiex jibdew idahhlu d-*data* sabiex b’hekk ikunu f’posizzjoni ahjar meta jigu biex jaghmlu t-*testing*. Jghid li huma bdew jaghmlu hekk u jobdu l-ordni li nghataw, pero’ fid-daqqa w il-hin il-kompjuter kraxxja w tilfu kollox stante li *back up* ma kienx hemm.

Wara li kraxja l-kompjuter u ghaddew ftit xhur qalulhom dak li kellhom bzonn sabiex is-*software* terga’ tigi nstallata. Sadanittant tawhom tlett mitt lira Maltin (Lm300) ohra. Huma zammew laqgha maghhom u talbuhom sabiex jippruvaw igibu lura d-*data* mitlufa w fin-nuqqas tawhom kopja tad-*data* li kelhom fuq *excel sheet* sabiex jinstallawielhom mill-gdid. Huma rcevew e-mail minghand is-socjeta’ rikorrenti fejn gew mitluba jhallsu s-somma ta’ erba mitt lira Maltin (LM400) addizzjonali sabiex isir dan l-inputtjar tad-*data*. Riedu wkoll li jithallsu akkont iehor ta’ sitt mija u ghoxrin lira Maltin (LM620), bhala akkont iehor mill-prezz miftiehem, u li jiffirmaw kambjali dwar il-bilanc li kien ghadu dovut.

Ikkonferma li dan ma kienx accettat mill-kunsill ghal zewg ragunijiet u principalment ghaliex parti sostanzjali tal-programm kien ghadu mhux lest u mil-lista ta’ *specifications* li kien hemm, li kienu hamsa u ghoxrin, kienu tlestew biss tnax. Jghid ukoll li l-kunsill m’accettax din il-proposta peress illi t-*training* u *support* li kellhom jaghtuhom sabiex idahhlu d-*data,* li kienu koperti bil-kuntratt biex ituhomlhom, fil-fatt ma nghatawlhomx. Wara

xi zmien ircevew komunika li s-*software* gie depositat fil-Qorti.

**Pio Saliba** xehed nhar is-16 ta’ Gunju 2009 u kkonferma li huwa kien gie mahtur membru tal-ghaqda intimata fis-sena 1999 u li dak iz-zmien kien hemm il-hsieb li tigi ntrodotta sistema kompjuterizzata dwar l-immanigjar u d-*data* taz-zwiemel. Jghid li sar kuntratt bejn il-kontendenti, pero’ huwa ma kienx involut fih. Gie mitlub sabiex jaghti l-informazzjoni rikjesta lis-socjeta’ rikorrenti sabiex din thejji s-sistema li kienu ftehmu dwarha. Jghid li huwa kellu kuntatt ma’ Robert Fabri, kien jiltaqa’ maghhom u jaghtihom l-informazzjoni li jitolbuh. Jaf li l-informazzjoni li gie mitlub jaghti giet analizzata mis-socjeta’ rikorrenti qabel ma kienet tigi installata s-sistema.

Jghid li kien hemm divesi nuqqasijiet fis-sistema li giet installata, w ghalhekk kellhom jirreferu diversi drabi lejn is-socjeta’ rikorrenti. Jikkonferma li s-socjeta’ rikorrenti kienet tmur kull darba w tirranga s-sistema, ghalhekk qatt ma kienet *totally functionable*. Ghalhekk giet riferuta lura lis-socjeta’ rikorrenti, w minn hemm ‘il quddiem ma baqax aktar involut. Ikkonferma li s-sistema ma kellhiex *back up* u lanqas ma kienet tohrog ricevuti. Jghid li sakemm dam jahdem hu mal-ghaqda ntimata s-sistema ma kinitx ghadha giet formalment mghoddija lilhom. Jichad li kien involut fit-*terms of reference* tal-kuntratt, u zied li l-involviment tieghu f’din il-kwistjoni waqaf fis-sena 2000, ghalkemm baqa’ membru tal-ghaqda sas-sena 2008. Dwar il-hlasijiet li saru ma jaf xejn.

Nhar it-22 ta’ Gunju 2010 in kontro-ezami jichad li kien il-*link* bejn il-kontendenti, anzi jghid li dan kien ic-chairman certu Paul Midolo. Ir-rwol tieghu kien li jaghti nformazzjoni teknika li kienet relatata mal-programm li kellu jigi nstallat. Huwa minnu pero’ li s-socjeta’ rikorrenti giet miltuba taghmel diversi tibdiliet fil-programm. Jikkonferma li kien jahdem fuq il-preparazzjoni tal-programm u ghalhekk kien ikun jaf x’kien hemm bzonn. Huwa pero’ ma kienx jaf li l-programm kellu zewg *phases*, kien jahdem biss fuq it-tigrijiet taz-zwiemel. Jghid li l-kuntratt qatt ma rah. Mistoqsi jekk irceviex l-e-mail esebita fl-atti a fol. 88, jghid

li rceviha w li kienu ghamlu laqgha ma' Robert biex imur fil-post u jara n-nuqqasijiet li kien hemm. Meta Robert mar induna li kien hemm *fault* fis-sistema w jghid li ghalkemm fl-e-mail kien hemm miktub li s-sistema setghet tigi nstallata, xorta kien hemm *fault* fiha. Mistoqsi jekk kienx jaf b'xi korrispndenza li kien hemm bejn Josef Grixti u l-Computime, fejn allegatament jghid li kien involut, jghid li ma kienx jaf biha. Mistoqsi jekk qattx ra l-e-mail a fol. 16 immarkata bhala Dok IC1, jghid li qatt ma raha qabel. Huwa ma kienx prezenti meta kkraxxja l-kompjuter. Dwar il-pagamenti li saru jghid li ma kienx involut u ma jaf xejn dwarhom.

**Dr Matthew Brincat** fil-kariga tieghu ta' Chairman tal-ghaqda ntimata xehed nhar it-13 t'Ottubru 2009 u stqarr li huwa kien jokkupa l-kariga ta' membru tal-ghaqda qabel ma sar Chairman taghha. Ikkonferma li l-ghaqda kienet indunat bin-nuqqasijiet li kellha s-sistema li giet installata, minnufih. Ikkonferma li l-persuna responsabbli min-naha tal-ghaqda kienet Pio Saliba, w dan sabiex ifiehem lis-socjeta' rikorrenti ezattament dak li riedet l-ghaqda. Ikkonferma li kien hemm problemi ghaliex is-sistema ma kinitx idoneja mal-bzonnijiet tal-ghaqda. Jispjega li s-socjeta' rikorrenti kienet qed titlob ghal aktar hlas meta x-xoghol ma kienx ghadu lest u l-kunsill kien iddecieda li ma jaghmel l-ebda pagament iehor. Ikkonferma li l-*club* ma kellu l-ebda sistema effettiva llum il-gurnata. Jghid li huma hallsu s-somma ta' tmien mitt lira Maltin (LM800) ghalxejn ghaliex il-prodott li hemm esebit il-Qorti mhux prodott tajjeb, mhux skond dak li kien gie miftiehem bejniethom. Jghid ukoll li f'idejn l-ghaqda m'hemm xejn li jappartjeni lis-socjeta' rikorrenti.

In kontro-ezami nhar l-10 ta' Marzu 2010 jghid li ma kienx involut fin-negozjati li kienu ghaddejja bejn il-kontendenti, ghalkemm kien ikun prezenti fil-kunsill meta din il-kwisjtoni kienet titqajjem. Ghan-nom tal-ghaqda kienu jitkellmu certu Debono, Josef li mhux membru tal-kunsill, u Pio Saliba ghalkemm mhux kollha flimkien. Ikkonferma li l-Kunsill tal-ghaqda ma kienx lest li jaghmel il-pagament kollu qabel ma l-prodott ikun finalizzat. Jghid li s-sistema giet rifjutata ghaliex ma kinitx tajba ghall-uzu taghhom.

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza l-Ghaqda ntimata, kif tajjeb osservat l-avukat difesur tas-socjeta' rikorrenti fit-trattazzjoni taghha, ma xtratx oggett *off the shelf*, izda xtrat oggett li kellu jigi maghmul skond l-ordni li saret. Jigifeiri ghalhekk huwa mportanti li din il-Qorti tara xi ftiehmu l-partijiet, li s-socjeta' kellha tikkonsenja. Din kienet sistema kompjuterizzata *tailor made*.

Hekk issokta jigi amplifikat, illi "meta tinsorgi kontroversja dwar il-klassifikazzjoni guridika tal-ftehim bejn il-partijiet, il-gudikant ghandu jkun gwidat minn dawn il-fatturi, u cioe:
(i) is-sostanzjalita` tal-ftehim;
(ii) il-prevalenza ta' l-elementi kostituttivi tieghu fil-fattispeci,
ossija jekk ghandux aktar ingredjenti fih, tipici ta' dawk *di fare* jew *di dare.* Koncettwalment, ezercizzju bhal dan jimporta konsiderazzjoni w azzjoni oggettiva ta' l-elementi tal-ftehim aktar milli wiehed ihares lejn dik li setghet kienet l-intenzjoni tal-kontraenti, kif hekk kien gie ravvizat fis-sentenza fl-ismijiet **"Negte George Camilleri *nomine* -vs- Joseph Mamo *nomine*",** Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Awissu 1951." Ara **"C. Fino & Sons Ltd -vs-Mario Gacui et"**, u "**Aplan Ltd -vs- Emmanuel Bajjada**", it-tnejn decizi minn din il-Qorti fit-13 ta' Gunju, 2007 u 27 ta' Novembru, 2009 rispettivament;

Illi f'din il-kawza, w ma jirizultax li huwa kontestat, l-Ghaqda ntimata kienet ftiehmet mas-socjeta' rikorrenti li din kellha tinstallalha sistema ta' *programming* fil-kompjuters li kellhom. Kienu ftiehmu li din is-sistema kellha jkollha *Accounting Function, Back up system, Multi user functionality* u kellha tohrog l-ircevuti relattivi. Dwar dan ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni minn xi parti.

Jirrizulta wkoll in breve, w sussegwentement li s-socjeta' rikorrenti kienet iddepositat din is-sistema l-Qorti permezz ta'cedola peress illi fil-fehma tal-Ghaqda ntimata din ma kinitx sistema tajba, w cioe' skond dak li kien gie miftiehem bejniethom.

Din il-Qorti diversament presjeduta kienet innominat lil Julian Sant Fournier sabiex jezamina s-sistema esebita l-Qorti w jara jekk tali sistema hix skond dak li kienu ftiehmu l-partijiet.

Is-socjeta' rikorrenti tramite xi xhieda taghha tammetti li kien hemm xi nuqqasijiet min-naha taghha, pero' ssostni li kienu hemm ghaliex ma setghetx tesegwihom peress li ma kienx hemm kollaborazzjoni min-naha tal-Ghaqda ntimata. Min-naha l-ohra l-Ghaqda ntimata tghid li s-socjeta' rikorrenti riedet tithallas ghas-saldu qabel ma taghti l-prodott finali lill-Ghaqda ntimata, u dan wara li diga' kellhom hafna problemi bejniethom dwar dan l-istess prodott. In oltre ssostni li l-flus li kienet hallset fl-ammont ta' tmien mitt lira Maltin (LM800) ghandhom ukoll jigu ritornati lura lejha stante li in realta' baqghet minghajr il-prodott.

Minn ezami ta' dan ir-rapport tal-espert tal-Qorti jirrizulta li kien hemm xi nuqqsijiet fil-prodott li s-socjeta' rikorrenti riedet tikkonsenja lill-Ghaqda ntimata, fosthom dawk indikati a fol. 42 tal-atti. Jghid li l-*Back up system* u r-*receipt printing* kienu ghadhom ma gewx installati w dan meta ezamina s-sistema snin wara li din kellha tkun installata ghand l-Ghaqda ntimata. Isostni li l-*multi user system* kien installat skond it-termini tal-kuntratt li kien hemm bejniethom, waqt li l-kwisjtoni tal-*Accounting* li kienet qed tilmenta fuqu l-Ghaqda ntimata ma kinitx tifforma parti mill-kuntratt. Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li l-prodott finali mhux skond il-kwalita' pattwita.

Is-socjeta' rikorrenti tghid li fl-Ghaqda ntimata ma kienx hemm *continuity* minn haddiem ghall-iehor, u hadd ma kien responsabbli tal-IT, u ghalhekk kellhom problemi ta' komunikazzjoni maghhom. Huwa minnu, minn dak li semghet il-Qorti, li kien hemm xi dizgwid fl-amminstrazzjoni tal-Ghaqda, pero' dan nonostante dan ma jsarrafx ghan-nuqqasijiet imsemmija mill-espert fir-relazzjoni tieghu. Jinghad ukoll li l-partijiet kienu ftiehmu dwar il-modalita' tal-hlasijiet li kellhom isiru, w dan fil-kuntratt li gie redatt bejniethom nhar l-4 ta' Jannar 2000

(fol. 29), u ghalhekk is-socjeta’ rikorrenti ma kellha l-ebda dritt tikkjama l-bilanc kollu restanti qabel ma l-prodott finali jigi nstallat.  Jidher pero’ li nonostante l-ftehim li kien hemm, is-socjeta’ rikorrenti xtaqet tithallas ghas-saldu.  Il-Prodott finali kellu jkun installat sa mhux aktar tard minn Jannar 2000, kif stqarr Carmelo Scicluna fix-xhieda tieghu li ma gietx kontradetta.  Haga li ma saritx.

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Min jallega illi merkanzija mibjugha lilu hi fi stat mhux merkantili, u mhux li hija ta' generu iehor jew ta' kwalita' sostanzjalment diversa minn dik ordnata, ikun qieghed jecepixxi l-vizzju redibitorju.

Illi l-gurisprudenza lokali ddefiniet il-vizzji bhala dawk inerenti ghall-mod imperfett kif il-merci giet fabbrikata, valjata, imballata, kustodita.  Il-merci ghandha tigi rikonoxxuta vizzjata jew difettuza meta tigi fiha verifikata xi devjazzjoni mill-istat taghha ordinarju w normali li minnu tkun tiddependi l-attitudni taghha ghall-uzu li ghalih, bin-natura taghha, hija destinata, u ghalhekk vizzju, jew difett, hija kull anormalita' jew imperfezzjoni u kull gwast jew avarija illi fil-haga tigi riskontrata li tnehhilha, jew tnaqqsilha l-attitutni ghall-uzu, jew il-bonta' u l-integrita', u, kwindi, biex il-haga tkun difettuza irid ikun jonqsilha xi haga biex tkun tista' tezisti b'mod pjenament konformi ghan-natura taghha u biex tkun vizzjata jrid ikun hemm xi alterazzjoni li minhabba fiha l-haga ma tkunx kif normalment ghandha tkun.

Issa m’ghandux ikun dubitat illi in linea generali ta’ dritt xerrej ghandu jistenna b’affidament illi l-prodott mixtri jew maghzul minnu jikkorrispondi f’kull rispett ghal dawk il-karatteristici idonei li jikkontribwixxu biex hekk jikkwalifikawh. Konsegwentement, anke jekk ma jissemmewx esplicitament fil-kuntratt ta’ ftehim, hi kanoni legali ta’ l-ermenewtika kontrattwali li tikkonsidra dawn listess karatteristici bhala kwalita` essenzjali tal-prodott.

Jekk, imbaghad, din il-kwalita` essenzjali tkun giet lilu mweghda fil-mument tal-kontrattazzjoni, hu mistenni li din

l-istess kwalita` tkun tirrizulta b'mod effettiv fil-mument tal-kunsinna. F'kaz li l-prodott ikun jiddifetta ghal dik li hi kwalita` l-ligi tittutela l-interessi tax-xerrej billi takkordalu l-azzjoni dixxiplinata fl-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili. Din hi l-azzjoni ghar-rizoluzzjoni tal-bejgh minhabba inadempjenza bazata fuq il-principju generali "*inademplenti non est ademplendum*" u fuq il-patt kommissorju tacitu tipiku ghall-kuntratti bilaterali kollha (Art 1068 Kodici Civili).

Dan premess, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza
"**Diacono –vs- Galea**" (**Vol XVIII pIII p59**) fil-kaz ta' l-Artikolu 1390 *"si suppone in primo luogo che il venditore abbia esplicitamente premesso una qualita` e che il compratore abbia avuto specialmente in mira questa qualita`"*. Fl-istess sens hi s-sentenza "**Emanuele Aquilina –vs- Negte. Giuseppe Mamo**", App. Kumm. 3 ta' Ottubru 1927 (**Vol XXVI pI (ii) p 189**).

Fil-kawza riportata fil-**Vol.XXIV.I.981** jinghad hekk:- "*Perche' i vizii siano redibitori e quindi produttivi dell'analoga azione, e' necessario che tali vizii siano di una certa gravita' la cui misura e' determinate dalla legge su due criteri, l'unico obiettivo consistente nella assoluta inettitudine della cosa all'uso e' destinata, oppure nella diminuzione di tale uso; l'altro subiettivo consistente nella intenzione del compratore il quale se avesse conosciuto quell vizio non avrebbe comprato la merce o al meno l'avrebbe acquistata a prezzo minore.* (Vide wkoll kawzi riportati **Vol. XVIII.III.26; XXI.I.116 u 399; XXII.II.75; XXVII.I.909; XVIII.II.1254; XXIX.I.591; XXXI.I.538; XXXIII.II.371; XXXII.I.19 u 163; XLII.II.855 u XLIII.I.317 u 545**).

Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ghaqda ntimata kienet gustifikata li ma thallasx il-kumplament tal-bilanc dovut u taccetta s-sistema li s-socjeta' rikorrenti ittentat tikkonsenjalha, w dan ghaliex tali kosenja ma kinitx tal-kwalita' pattwita w ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-Ghaqda ntimata ghat-talba promotura tas-socjeta' rikorrenti qed jigu milqugha filwaqt li t-talba rikorrenti qed tigi michuda.

Dwar it-talba tal-Ghaqda ntimata li s-socjeta' rikorrenti ghandha tirrifondilha lura l-flus li hija hallset bhala depositu akkont tal-prezz tal-merkanzija li kellha tigi konsenjata u li in effetti ma gietx, qieghda wkoll tigi milqugha fl-ammont ta' tmien mitt lira Maltin (LM800). Il-bejgh finali ma sarx tort tas-socjeta' rikorrenti li riedet tikkonsenja prodott difettuz.

**Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li qieghda tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti, qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Ghaqda ntimata ghat-talba rikorrenti, w qieghda tilqa' wkoll il-kontro- talba tal-Ghaqda ntimata w tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti ghall-kontro-talba tal-Ghaqda ntimata, w ghalhekk qed tikkundanna lis-socjeta' rikorrenti thallas lill-Ghaqda ntimata s-somma ta' tmien mitt lira Maltin (LM800) ekwivalenti ghas-somma ta' elf tmien mja w tlieta w sittin Ewro w hamsin centezmu (€1863.50), bl-imghax mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur.**

**L-ispejjez tal-procedura odjerna jithallsu kollha mis-socjeta' rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------